# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 12 ta' Mejju, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kurt Zahra)**
**(Spettur Johann Joseph Fenech)**

**Vs**

**Amadeo Grima**

**Kumpilazzjoni Nru: 253/2016**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra Amadeo Grima, iben Anthony u Anna Louise nee` Borg, imwieled Pieta` nhar it-08 ta` April 1980 u residenti gewwa St. Joseph, Triq L-Ghannejja, Birzebbugia u detentur tal-karta tal-identita` b`numru 259780(M)

Talli nhar l-04 ta` April 2016 ghall-habta ta` 08.30 ta` filghodu fi Triq San Patrizju, Birzebbugia, minn gewwa vettura tal-ghamla Audi A1 b` numri ta` registrazzjoni JBS248, ikkommetta serq ta` laptop tal-marka Microsoft Surface Pro li valur tieghu jammonta ghal €2500, 'handbag' li valur tieghu jammonta ghal €238, kartiera tan-nisa tad-ditta Carpisa li valur taghha jammonta ghal €20, u dokumenti ta` identifikazzjoni ghad-detriment ta` Karen Scicluna detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 533378(M) u 6 P.M. p.l.c , liema serq huwa aggravat bil-'mezz', bil-'valur' li jiskorri l-

ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), bix-'xorta tal-haga misruqa'.

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta` elfejn u hames mitt euro (€2500), izda tiskorri l-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` 6 P.M. p.l.c. u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra.

Talli nhar is-07 ta` Marzu 2016 ghall-habta ta` 09.05 ta` filghodu fi Triq Alessandru, Birzebbugia, minn gewwa vettura tal-ghamla Peugeot Bipper b` numri ta` registrazzjoni FQZ604 ikkommetta serq ta` flus kontanti li jammontaw ghal €529.80, numru ta` 'cheques' li jammontaw ghal €792.67, mobile phone tal-ghamla Samsung Grand b`valur ta` €300, mobile phone tal-ghamla Allview b` valur ta` €500, tablet tal-ghamla Motion b`valur ta` €174.30, handbag tal-marka Tommy Hilfiger b` valur ta` €25, u kartiera bi flus kontanti u cheques li valur taghhom mhux maghruf, ghad-detriment ta` Bernice Galea detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 429691(M) u Pyramid Enterprises Limited, liema serq huwa aggravat bil-'mezz', bil-'valur' li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), bix-'xorta tal-haga misruqa'.

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` Pyramid Enterprises Limited u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra.

Talli nhar 04 ta` Marzu 2016 bejn 14.00 u 15.40 fi Triq Santa Katerina, Birzebbugia, minn gewwa Mary`s Haberdashery, fi Triq Santa Kataerina, Birzebbugia ikkommetta serq ta` flus kontanti li jammontaw ghal €200, ghad-detriment ta` Dolores Zammit detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 450171(M) u/jew persuni ohra u/jew entitatjiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-'mezz'.

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` Dolores Zammit detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 450171(M) u/jew persuni ohra u/jew entitatjiet ohra.

Talli nhar il-11 ta` April 2016 bejn 12.00 u 14.15 minn gewwa Crux Pharmacy fi Triq L-Ghansar, Birzebbugia, ikkommetta serq ta` flus kontanti li jammontaw ghal €380, ghad-detriment ta` Claude Grima detentur ta` karta tal-identita` b` numru 209574(M) u/jew persuni u/jew entitajiet, liema serq huwa aggravat bil-'mezz', bil-'valur' li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37).

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` Claude Grima detentur ta` karta tal-identita` b`numru 209574(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra.

Talli nhar il-21 ta` April 2016 ghall-habta ta` 14.15 fi Triq Santu Formosa, Zurrieq, minn gewwa vettura tal-ghamla Opel Corsa, bin-numri ta` registrazzjoni MRA608, ikkommetta serq ta` Laptop tal-maka Dell Vostro li valur tieghu jammonta ghal €600 ghad-detriment ta` Malta Stock Exchange u/jew persuni u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-'mezz', bil-'valur' li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37) u bix-'xorta tal-haga misruqa'.

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta` elfejn u hames mitt euro (€2500), izda tiskorri l-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` Kevin Caruana detentur ta` karta tal-identita` b` numru 554175(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra.

Talli nhar is-16 ta` Frar 2016 ghall-habta ta` 10.00 ta` filghodu fi Triq Il-Fossili, Birzebbugia, minn gewwa vettura tal-ghamla Hyundai I10 b` numri ta` registrazzjoni GBP667, ikkommetta serq ta` arlogg tal-idejn kulur il-fidda, kartiera tad-ditta Guess b`valur ta` €100, €15 fi flus kontanti, u dokumenti ta` identifikazzjoni ghad-detriment ta` Helena Smith La Rosa De Cristofaro detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 482584(M), liema serq huwa aggravat bil-'mezz', bil-'valur' li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), bix-'xorta tal-haga misruqa'.

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` Helena Smith La Rosa De Cristofaro detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 482584(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra.

Talli nhar is-07 ta` Lulju 2015 ghall-habta tal-11.30 ta` filghodu fi Triq Santa Katerina, Marsaxlokk, minn gewwa vettura tal-ghamla Peugeot Bipper b` numri ta` registrazzjoni NQZ202, ikkommetta serq ta` €30 fi flus kontanti, 'make up' li jammonta ghal €10, u dokumenti ta` identifikazzjoni ghad-detriment ta` Zvetlana Micallef detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 479388(M) u/jew persuni w/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-'mezz', bix-'xorta tal-haga misruqa'.

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` Pyramid Enterprises Limited u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra.

Talli nhar il-26 ta` Gunju 2015 ghall-habta ta` 10.00 ta` filghodu fi Triq Rita, Birzebbugia, minn gewwa vettura tal-ghamla Hyundai I10 b` numri ta` registrazzjoni HBM653, ikkommetta serq ta` strumenti relatati ma` medicina b` valur ta` €138.35 u dokumenti ta` identifikazzjoni ghad-detriment ta` Sharon Cassar detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 31401(L) u/jew persuni w/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-'mezz', bix-'xorta tal-haga misruqa'.

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` MMDNA u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra.

Talli nhar il-25 ta` Frar 2016 ghall-habta ta` 08.35 ta` filghodu fi Triq Alessandru, Birzebbugia, minn gewwa vettura tal-ghamla Toyota Vitz b` numri ta` registrazzjoni FAN002, ikkommetta serq ta` 80€ fi flus kontanti, handbag tal-marka Mango b`valur ta` €30, zarbun tal-marka adidas b`valur ta` 40€, tracksuit b`valur ta` €20, accesorju tad-ditta Apple b` valur ta` €10, kartiera b`valur ta` €10, u dokumenti ta` identifikazzjoni ghad-detriment ta` Ramona Vella detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 318581(M) u/jew

Fancy Products Ltd u/jew persuni w/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-‘mezz’, bix-‘xorta tal-haga misruqa’.

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` Fancy Products Limited u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra.

Talli nhar l-04 ta` Frar 2016 ghall-habta ta` 12.00 fi Triq San Mikiel Birzebbugia, minn gewwa vettura tal-ghamla Peugoet 206 bin-numri ta` registrazzjoni KBM613, ikkommetta serq ta` hwejjeg li l-valur taghhom jammonta ghal €145, ghad-detriment ta` Maria Violetta Attard detentrici ta` karta tal-identita` b`numru 61456(M) u/jew ta` xi persuni w/jew ta` xi entitajiet ohra, liema serq hu aggravat bil-‘mezz’ u bix-‘xorta tal-haga misruqa’.

Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta` Maria Violetta Attard detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 61456(M) u/jew ta` xi persuna/i w/jew ta` xi entita` u/jew entitajiet ohra.

Talli nhar id-22 ta`April 2016 bejn 14.45 u 16.05 minn gewwa CS Petshop li jinsab fi Triq Il-Kitarristi, Birzebbugia, ikkommetta serq ta` €188 fi flus kontanti ghad-detriment ta` Sarah Curmi detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 103196(M) u/jew xi persuni w/jew entitatjiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-‘mezz’.

Talli nhar id-29 ta` Frar 2016 ghall-habta ta` 10.05 ta` filghodu fi Triq Il-Ghodda, Birzebbugia, minn gewwa vettura tal-ghamla Fiat Grande Punto b` numri ta` registrazzjoni ELN239 ikkommetta serq ta` ‘handbag’ b` valur ta` €20 u €100 fi flus kontanti, u dokumenti ta` identifikazzjoni ghad-detriment ta` Elaine Bugeja detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 270386(M), liema serq huwa aggravat bil-‘mezz’, bix-‘xorta tal-haga misruqa’.

U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, wara li gie misjub hati b` diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

U nakkuzah talli bejn il-perjodu ta` Frar u it-22 ta` April 2016, naqas li josserva xi kundizzjoni imposta fid-digriet mahrug mill-Magistrat Dr Anthony Micallef Trigona LL.D. nhar il-15 ta` Frar 2012 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija.

U aktar talli bejn il-perjodu ta` Frar u it-22 ta` April 2016, naqas li josserva xi kundizzjoni imposta fid-digriet mahrug mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. nhar id-29 ta` Ottubru 2015 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija.

U aktar talli nhar il-21 ta` April 2016 u nhar it-22 ta` April 2016, naqas li josserva xi kundizzjoni imposta fid-digriet mahrug mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. nhar it-08 ta` April 2015 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna ir-rearrest ta` l-imsemmi Amadeo Grima, u tordna li s-somma hawn fuq indikata bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta` Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet mihgjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti mill-prosekuzzjoni.

Semeghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-fedina refreattarja tieghu u l-fatt li dawn id-diversi reati gew kommessi bi ksur ta' kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest, u minn-naha l-ohra l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputazzjonijiet kollha

dwar serq ghandhom jitqiesu bhala reat kontinwat u ghalhekk japplika l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(b)(c)(g), 263, 265, 271(g), 289, 325(1)(b)(c) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah erbgha (4) snin prigunerija. In oltre il-Qorti qed tirrevoka l-helsien mill-arrest mghoti lill-imputat permezz tad-degrieti datati 15 ta' Frar 2012 (Magistrat Dr Tonio Micallef Trigona), 29 ta' Ottubru 2015 (Magistrat Dr Josette Demicoli) u 8 ta' April 2015 (Magistrat Dr Josette Demicoli) u konsegwentement tordna r-riarrest tieghu u qeghda ukoll tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depoziti u garanziji personali imposti permezz tat-tlett degrieti hawn imsemmija li flimkien jammontaw ghal hamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000) liema somma ghandha tithallas fi zmien tlett snin.

Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha kontra l-vizzju tad-droga.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**